Ref Nru 4

Il-minuti tar-raba` laqgha tas-sebgha leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2015, fis-6:30 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 EAFRD – mizura 125 tat-Trasport Malta.

2.1 Is-Sindku semma li sar xoghol ta' *resurfacing* bil-konkos ta' Triq Kalati Punici u bhalissa ghaddejjin ix-xogholijiet fuq parti minn Triq Barbagann. Dawn ix-xogholijiet qed isiru mit-Trasport Malta bil-fondi tal-EAFRD – mizura 125. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jsir xi tip ta' *railing* fi Triq Barbagann peress li m'hemmx cint u hemm il-periklu.

## 3 Il-latrina pubblika ta' Hondoq.

3.1 Is-Sindku semma li l-Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Dr Anton Refalo jrid li f'Hondoq tinbena latrina pubblika gdida peress li dik ezistenti hija f'stat dizastruz. Huwa semma li dik ezistenti ser tittranga. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jissottometti applikazzjoni lill-MEPA ghal bini ta' latrina pubblika gdida, izda l-ispejjes ghal bini tkun f'idejn il-Ministeru. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 4 L-attivita` *Hondoq by Night* 2015 – ir-raba` edizzjoni.

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita` ta' *Hondoq by Night* 2015, li regghet kienet ta' success.

5 *Qala International Folk Festival 2015* – **l-ghaxar edizzjoni.**

5.1 Is-Sindku semma li din is-sena l-*Qala International Folk Festival* ser jsir bejn it-18 u l-20 ta' Settembru 2015. Huwa semma li ser jingabu zewg gruppi folkloristici barranin, wiehed mill-Italja u l-iehor mis-Slovenja.

6 *Water culvert* **fi Triq il-Kuncizzjoni.**

6.1 Il-Vici Sindku semma li ra xi nies ikejlu fi Triq il-Kuncizzjoni u staqsihom ghalxiex. Huma qalulu li ser isir ir-*raising main*. Huwa qal li cempel lis-Segretarjat ta' Conrad Mizzi fuq dan u gie informat li hemm xi fondi approvati. Hu ssuggerilhom li kif ser tkun qedha miftuha t-triq, ghandha jsir *water culvert*. Huwa semma li huwa flimkien mas-Sindku attendew laqgha l-Ministeru dwar dan u li l-Kunsill mhu ser johrog ebda spejjes sabiex isir il-*water culvert*.

**7 L-ghazla tal-offerta ghall-Kostruzzjoni ta' Ilqugh tal-ilma u Rinnovazzjoni tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa, Qala bl-uzu ta' Materjal u Prodotti tal-Kostruzzjoni li huma** ***Environmental Friendly*** **– Offerta numru 3/2015.**

7.1 Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerta ghal Kostruzzjoni ta' Ilqugh tal-ilma u Rinnovazzjoni tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa, Qala bl-uzu ta' Materjal u Prodotti tal-Kostruzzjoni li huma *Environmental Friendly* – Offerta numru 3/2015. Ghal din l-offerta gew sottometti tlett offerti minghand Gatt Tarmac Ltd., Xerri's Landscaping Co. Ltd. u John Vella – G.V. Gozo Developments Co. Ltd. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 2015 f'nofsinhar fil-prezensa tal-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u f' isem offerent Louis Vincent Buttigieg. Il-prezzijiet li gew sottometti gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma' dawn il-minuti. Is-Sindku semma li l-*bill of quantities* giet maqsuma f'zewg *lots* li huma kostruzzjoni u ghamara ta' barra. Ghal din il-parti tal-laqgha giet mistiedna l-Perita Krista Xuereb. Is-Sindku Clint Camilleri ddikjara li huwa ghandu konflitt ta' interess f'din l-offerta peress li huwa l-Perit fuq progett fil-lokalita` ohra u li l-kuntrattur ta' dan l-istess progett huwa G.V. Gozo Developments Co. Ltd., li huwa wiehed mill-offerenti li ssottometta offerta mal-Kunsill Lokali Qala u li bhalissa huwa (jigifieri s-Sindku) ghandu xi disgwid mieghu. Hu ghalhekk ser jirtira mill-laqgha peress li ma jridx li dan il-kuntrattur jghid li l-offerta tieghu ma gietx maghzula habba fih. Ghalhekk huwa irtira mill-laqgha. Il-Perita tat spejgazzjoni tal-offerti kollha sottometti. Il-Kunsill iddecida li ta' G.V. Gozo Developments Co. Ltd. ghandha titwaqqa peress li kellhom xi dokumenti neqsin. Il-Kunsill iddiskuta li peress li l-prezzijiet tal-offerti xorta baqghu xi ftit jew wisq gholjin, saret diskussjoni dwar il-fondi, ta' madwar €45,000, li jrid johrog il-Kunsill ghal dan il-progett. Ghalhekk is-Sindku giet msejjah sabiex jidhol lura fil-kamra. Is-Sindku semma li hemm tlett *options* li huma li jinhargu fondi mill-Kunsill, naraw tigix accettata l-applikazzjoni tal-*co-financing* li giet sottometta mill-Kunsill, kif ukoll tista jsir applikazzjoni ghal fondi tal-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA. Huwa semma li xi haga trid isir ghax m'ghandniex nitilfu fondi mill-Unjoni Ewropea.

7.2 Gie diskuss li l-orhos offerta ta' *lot 1* hija ta' Gatt Tarmac Limited, kuntrattur li huwa mghobbi bix-xoghol u li jista` jkun li ma jlestiex ix-xoghol tal-Belvedere fil-hin. Gie

kkuntatjat il-kuntrattur dak il-hin stess fejn gie mistieden sabiex jattendi l-laqgha sabiex il-Kunsill ikun jista` jkellmu. Sadattant il-Perita informat lil Kunsill li huwa importanti li lill-kuntrattur jsirulu zewg kundizzjonijiet li huma li jimxi skond l-ispecifikazzjonijiet tal-offerta kif ukoll qabel ma jkun ser jintuza xi materjal iddahhal kopja tal-ispecifikazzjoniet biex jigu approvati mill-Perit. Il-Kuntrattur Mario Gatt wasal. Is-Sindku informah li gie mistieden sabiex jattendi minhabba l-preokkupazzjoni tal-Kunsill dwar l-ghazla tal-offerta tieghu. Gie diskuss li jekk jiehu l-offerta x-xoghol irid ikun lest sat-*time frame* ghax il-Kunsill ma jridx jitlif il-fondi. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-Belvedere huwa post delikat minhabba t-turizmu peress li jzuruh ta' kuljum diversi turisti. Is-Sur Gatt informa lill-Kunsill li ma kienx jissottometti offerta kieku kien jaf li mhux ser ilahhaq ilesti ix-xoghol. Huwa semma li ghandu s-*sub-contracting* ghal dan ix-xoghol u ghalhekk mhux ser ikun hemm konflitt ma xoghol iehor li huwa ghandu miftuh fil-prezent. Huwa gie informat mill-Kunsill li jekk ma jlestiex ix-xoghol fiz-zmien stipulat, huwa mhux ser jithallas. Ghalhekk il-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula l-offerta ta' Gatt Tarmac Limited jigifieri *lot 1* tal-*bill of quantities*.

7.3 Ghal *lot 2* tal-*bill of quantities* ta' din l-offerta, l-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula *option A* tal-offerta ta' Xerri's Landscaping Co. Ltd.

## 8 Progetti ohra.

8.1 Is-Sindku semma li bhalissa qed jitkompla x-xoghol dwar il-*pipeline* tal-ilma fi Triq l-Imgarr.

## 9 Festa San Guzepp 2015.

9.1 Is-Sindku semma li tad-Dipartiment tal-Agrikultura ma riedux jigu jizbru s-sigar li hemm fi Pjazza San Guzepp peress li riedu permess mill-MEPA. Ghalhekk giet mibghuta ittra lill-MEPA fejn dawn gew infurmati li s-sigar li hemm huma maturi u ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta' permess. Is-Sindku semma li t-tigrija taz-zwiemel ser isir il-korsa peress li t-triq mhux ser tkun ghadha lesta mix-xogholijiet. Huwa semma li bhas-sena l-ohra l-Kunsill ghandu jghin f'xi spejjes li huma jkollhom sabiex jorganizzaw din it-tigrija. Huwa semma li l-*mobile kiosks* tal-ikel li jarmaw fil-festa ta' San Guzepp ser jarmaw fl-istess post tas-soltu jigifieri fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ippropona li ghandha tinghata l-ghajnuna tas-soltu lill-Ghaqda Piroteknika San Guzepp fejn il-Kunsill ihallas ta' xi spejjes ghall-attivita li huma jorganizzaw fi zmien il-festa. Sar qbil fuq dan.

## 10 Konferenza barra minn Malta- mistieden is-Sindku.

10.1 Is-Sindku semma li huwa giet mistieden sabiex jattendi *seminar* f'Venezija. Huwa semma li l-Kunsill ser ihallas l-ispejjes tal-*flight* biss filwaqt li l-akkomodazzjoni, ikel, *transfers* ecc. ser jithallsu mill-organizzaturi. Giet trattata diversi korrispondenza dwar dan is-*seminar*.

## 11 Materji ohra.

11.1 Il-Vici Sindku Paul Buttigieg staqsa meta ser isir parti minn Triq ta' Kassja bit-tarmak. Is-Sindku semma li din hija triq gdida u li 'l quddiem ix-xoghol bit-tarmak ser isir mill-*period contract* tal-gvern.

11.2 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li s-*safety mats* tal-*playing field* Magistrat Salvu Attard spiccaw. Gie diskuss li anke dawk ta' 'Gnien il-Familja' u li ghandha jsir applikazzjoni lill-MEPA ghal fondi mill-*Urban Improvement Fund*. Huwa semma ukoll li ghandha titnehha z-zerzieqa peress li mkissra u hi ta' periklu ghat-tfal.

11.3 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa jekk gewx mibghuta l-ittra u l-*press release* dwar il-kaz tal-propost progett fl-*area* ta' Wied is-Simar. Is-Sindku semma l-ittra lesta kemm tigi mibghuta. Dwar il-*press release*, huwa qal li cemplulu mill-istazzjon tan-NET dwar dan il-kaz u peress li huwa tahom risposta, ma kienx hemm lok ghalfejn tigi mibghuta izda jekk il-Kunsill irrid xorta wahda li tintbghat ma tkunx problema. Paul Buttigieg semma li ahjar din tintbghat. Gie diskuss li l-kontenut ghandu jkun l-istess bhall-ittra.

11.4 Gew trattati diversi kontijiet ta' Peter Paul Said ghal xoghol fi 'Gnien il-Familja' minhabba t-toqba tal-arblu ghall-bandiera li jammontaw ghal €1,119.43 u €236.47. Anthony Caruana ghal xoghol ta' tindif ta' haxix u terrapien fil-fortizza ta' Sant Antnin li jammonta ghal €1,097.00. Xerri's Garden Centre dwar tindif u manutenzjoni fi gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr li jammontaw ghal €1,158.32 u €1,147.70, thawwil ta' pjanti f'dan il-gnien li jammonta ghal €1,162.00 u manutenzjoni tal-*fence* tal-injam u xoghol iehor fuq l-ghamara li jammonta ghal €761.69. Il-Kunsill qabel li ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

11.5 Is-Sindku semma li ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Edward Scerri sabiex jigi diskuss il-kont li huwa bghat dwar il-progett tal-Pjazza li sar permezz ta' *savings* li kien hemm mill-fondi tal-mizura 313. Il-Perit spejga li dan il-progett kien *extra* u li fil-kaz tal-Kunsill Lokali Gharb kien hemm l-istess sitwazzjoni fejn kellhom *savings* ukoll. Kienet miftehma somma flus fuq il-mizura 323 u xhin ghamlu s-*savings* huma ghamlu talba lill-*Paying Agency* jistghux juzaw l-istess Perit u jiehu 5% tas-*savings.* Il-*Paying Agency* kienet qablet ghal dan. Huwa semma li ser ihalli kopja ta' din il-korrispondenza. Is-Sindku ghalhekk semma li dan il-kont ghandu jithallas. Sar qbil fuq dan.

11.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lit-Trasport Malta dwar talba ghal *double yellow lines* fi Triq il-Wardija kif ukoll risposta minghand it-Trasport Malta.

11.7 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-12 ta' Mejju 2015 sal-21 ta' Lulju 2015 minn referenza numru 124/15 sa referenza numru 160/15 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 33/15 sa referenza numru 71/15 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

## 12 Korrispondenza.

12.1 Giet trattata l-korrispondenza li gejja:

12.2 Ittra mibghuta mill-Perit Saviour Micallef dwar il-permess ghal *kiosk* ezistenti f' Hondoq ir-Rummien bin-numru PA 2516/04 bil-kundizzjoni li wara 10 snin l-applikant ghandu jissottometti applikazzjoni ohra mal-MEPA sabiex jigi mgedded il-permess orginali. L-applikant gie mitlub sabiex jissottometti *clearance* mill-Kunsill Lokali Qala. Il-Kunsill iddiskuta dan. Il-Vici Sindku semma li ghandu jinghata *no objection* sakemm ikollu kollox kif suppost. Gie deciz li din il-materja ghandha tigi diskussa fl-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

12.3 Ittra mibghuta mis-Segretarju Frank Mumford mill-Qala Saints Football Club dwar ghajnuna finanzjarja ghall-ispejjes ta' Jum il-Qala Tournament 2015. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li ghandu jigi verifikat dan it-*tournament* sarx jew le.

12.4 *Memo* 9/2015 mibghuta mid-Direttur Carmel Abela tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar kodici ta' etika ghar-rapprezentanti eletti tal-gvern lokali.

12.5 Diversi korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill Lokali u l-Perit Edward Scerri, dwar it-tabelli li jaghtu indikazzjoni lis-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi dwar ir-rotta li jrid juza.

12.6 Diversi korrispondenza dwar talba ghal *give way* fi Triq Hondoq ir-Rummien.

12.7 Gew trattati stimi ghal manutenzjoni tal-gnien il-familja u tal-gnien tar-rikreazzjoni.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 11 ta' Settembru 2015.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |